**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TAL-GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Illum: 12 ta' Ottubru, 2015**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Mario Hammett**
**(ID 733959(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Mario Hammett ta' 51 sena, iben Anthony u Rita nee` Brincat, imwieled l-Isla fit-8 ta' Novembru 1959 u joqghod 53, Triq il-Kbira, Sliema, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 733959(M);

Akkuzat talli fit-3 ta' April 2011 u fil-granet ta' qabel din id-data: (1) iggestixxa xi attivita` kummercjali minn gewwa l-fond 157, Triq il-Kbira, San Guzepp, Hamrun u ma hallasx id-dritt tal-licenza li ghandha tithallas ta' kull sena jew ghal xi perjodu kif specifikat u (2) aktar talli ma provdiex lis-Sezzjoni Licenzji tal-Kummerc u lil kull min ikun awtorizzat ghaldaqshekk, kull taghrif li jista' jkun mehtieg kif imiss, dwar l-attivita` kummercjali jew il-post kummercjali li jkollu licenza taht l-Att u dan bi ksur ta' Reg. 2006, Reg. 21 u 23(1)(2).

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni finali.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-affidavit ta' PS 1176 K. Zahra, jirrizulta illi sar rapport gewwa l-Ghassa tal-Hamrun da parti tat-*Trade Licensing Unit* illi l-licenza tal-hanut bl-isem ta' 'Hibrand Ltd.', li jinsab gewwa 157, Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun u li s-sid tieghu huwa certu Mario Hammett, mhijiex konformi mal-ligi. Ghalhekk fit-13 ta' Marzu 2011, l-istess PS 1176 mar gewwa l-imsemmi hanut, fejn hemmhekk sab lil certu Ian Pepe li qal illi huwa jahdem bhala *salesman* fl-istess hanut. Meta dan gie mitlub il-licenza tal-hanut, huwa wiegeb illi fil-hanut ma kellux il-licenza, izda kien ser jaghmel kuntatt mal-imghallem, certu Mario Hammett, biex dan jiehu l-licenza gewwa l-Ghassa. L-istess Hammett baqa' ma hax il-licenza gewwa l-Ghassa u ghalhekk sar kuntatt mieghu permezz tat-telefon. Huwa gie mitlub sabiex jiehu l-licenza relattiva gewwa l-ghassa, izda dan baqa' m'ghamlux.

Fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2012, gie verbalizzat illi l-imputat informa lill-Qorti "*li ma jistax jhallas il-licenzja fuq il-hanut in kwistjoni peress li dan jinsab registrat fuq terza persuna Henry Godwani*".

Jirrizulta madankollu mid-dokumenti esebiti in atti illi fit-23 ta' Lulju 2003 saret applikazzjoni da parti ta' certu Harish Godhwani sabiex il-licenza fuq il-fond 157, Triq il-Kbira, Hamrun tigi trasferita fuq l-imputat odjern, wara li dan tal-ahhar akkwista l-imsemmi fond. Permezz ta' ittra datata 20 ta' Marzu 2008 u indirizzata lill-imputat, huwa gie infurmat mit-*Trade Licensing Unit* illi l-licenza setghet tigi trasferita fuq ismu wara li huwa jipprezenta d-dokumenti hemmhekk indikati u jhallas l-arretrati dovuti fir-rigward tad-drittijiet tal-licenza. Ghaldaqstant, huwa kien gie mitlub sabiex jaghmel dan il-hlas u jissottometti dawn id-dokumenti, biex ikun jista' jsir it-trasferiment tal-licenza fuq ismu. Jidher minn ittra mahruga mill-istess Dipartiment fid-29 ta' Novembru 2010, illi sa dakinhar l-posizzjoni kienet ghadha l-istess u li l-fond in kwistjoni sa dakinhar ma kellux licenza tal-kummerc valida. Dan gie wkoll ikkonfermat minn Keith Caruana, in rapprezentanza tat-*Trade Licensing Unit* li, fl-4 ta' Frar 2014, xehed illi sa dakinhar is-sitwazzjoni kienet ghadha l-istess fis-sens illi wara li saret l-applikazzjoni ghal trasferiment fis-sena 2003, it-trasferiment baqa' ma sarx ghaliex id-dritt ma thallasx.

Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, l-imputat jikkonferma illi l-fond in kwistjoni huwa proprjeta` tieghu u ta' martu, izda jghid illi huma krew l-imsemmi fond lis-socjeta` Hibrand Limited, li taghha huwa direttur. Jghid ukoll illi huwa ma kienx involut fl-operat tal-kumpanija, li lanqas ma kellu x'jaqsam in konnessjoni mal-applikazzjoni ghal-licenza u lanqas ma kien jaf min applika. Il-persuna responsabbli mill-operat ta' din il-kumpanija kien certu Reyan.

Issa ghalkemm il-Qorti ma tqisx lill-imputat kredibbli jew ix-xhieda tieghu verosimili meta dan jghid illi huwa ma kienx jaf min applika ghal-licenza dwar il-fond in kwistjoni u li ma kellu x'jaqsam xejn ma' dan, fid-dawl tad-dokumenti msemmiija izjed il-fuq u anke fid-dawl tal-verbal tas-seduta tal-25 ta' Mejju 2012, ir-Regolament 21 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 441.07, li a bazi tieghu giet mahruga l-ewwel imputazzjoni fil-konfront tal-imputat, jghid hekk:

"*Ebda <u>detentur ta' liċenza</u> ma għandu jiġġestixxi xi attività kummerċjali minn xi post jew xi mkien ieħor kemm-il darba ma jkunx tħallas id-dritt għal-liċenza li għandu jitħallas ta' kull sena jew għal xi perjodu kif speċifikat. Detentur ta' liċenza li jikser id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament ikun ħati ta' reat*" [sottolinear tal-Qorti].

Huwa evidenti f'dan il-kaz illi l-imputat odjern ma huwiex detentur ta' licenza u dan proprju ghaliex it-trasferiment tal-licenza minn fuq Godhwani ghal fuq ismu baqa' ma sehhx minhabba n-nuqqasijiet tal-imputat stess. Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk, l-imputat ma kellux jigi akkuzat bir-reat taht dan l-artikolu tal-ligi la darba huwa m'huwiex u jidher li qatt ma kien id-detentur tal-licenza in kwistjoni, izda semmai talli ezercita attivita` kummercjali minghajr licenza valida skond il-ligi.

Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata skond il-ligi.

L-istess irid jinghad fir-rigward tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat, stante illi r-Regolament 23 tal-istess Legislazzjoni Sussidjarja 441.07 ukoll jitkellem dwar id-detentur tal-licenza u kif diga` inghad, huwa car li l-imputat odjern ma kienx id-detentur tal-licenza fiz-zmien in kwistjoni. Ghaldaqstant, lanqas din l-imputazzjoni ma tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnhom.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat